# Il-Leġġendi ta' Birmiftuħ



Bir-raġun kollu, il-Gudja hija kburija b'Birmiftuħ mhux biss għaliex din kienet il-matriċi ta' bosta parroċċi oħrajn qabel is-sena 1436 imma għax ukoll kienet l-oriġini – għallinqas bħala lokalità - tal-Gudja tal-lum. Ngħid bħala lokalità peress li l-isem, li sikwit jinbidel u jittrasforma ruħu, mhux biżżejjed sabiex jindika il-qedem veru tal-post.

Illum, il-biċċa l-kbira tan-nies iqisu, jew jirritenu, li l-isem tal-Gudja ġej mill-kelma Għarbija li tfisser għolja jew post b'topografija prominenti . Li hu żgur hu li dan l-isem jaf l-oriġini tiegħu lill-isqallin li fi gżirithom għandhom diversi postijiet li qegħdin fuq għolja jew torri u li appuntu jissejħu CUDIA. Nistaqsi jekk dan hux minnu għax hemm min issuġġerixxa li 'Gudja' bħala isem imur lura ferm aktar fiż-żmien u jista' jmur lura saħansitra sa żmien ir-Rumani li meta kienu f'pajjiżna matul il-famuża 'pax romana' sabu din il-lokalità tant serena u pjaċevoli li allura bdew isejħula 'gaudium'. U dan idaħħalna fil-kappa tal-leġġendi ta' Birmiftuħ.

L-ewwel leġġenda marbuta ma' Birmiftuħ tgħid li meta San Pawl gie Malta hu tħalla liberu jippriedka kif u fejn ried. Il-miraklu tal-lifgħa, il-fejqan ta' missier l-aqwa awtorità ta' pajjizna u ta' ħafna oħrajn li ġabulu l-Maltin, ippermettew lil Pawlu jnibbet il-messaġġ tas-salvazzjoni fost missirijietna. Hemm tradizzjoni li tgħid li hu saħansitra terraq bil-mixi saż-Żejtun u li fi triqtu għadda minn Triq Betta f'Ħal Tarxien. Żgur li San Pawl ma naqasx li jxandar il-messaġġ tas-salvazzjoni f'kull rokna ta' din il-gżira ċkejkna tagħna.

Missirijietna, li tant qiesu Birmiftuħ bħala post sagru u antik għaddewlna t-tradizzjoni li dan l-appostlu missierna, kien saħansitra xandar il-Bxara t-Tajba hawn ukoll. Mhux biss, iżda li hu wkoll qaddes l-ewwel quddiesa f'dan il-post u għammed 'l-ewwel insara tan-Nofsinhar ta' Malta. Għaldaqstant huma bnew l-ewwel knisja (s'intendi, mhux kif narawha llum) b'sens ta' devozzjoni profonda u ddedikawha lil Omm Gesù.

Sabiex tkompli tkun imsaħħa din il-leġġenda jkompli jingħad li meta San Pawl kien qed jippriedka f'dan il-post hu lissen il-kelmiet, "Marija Santissima hija bir miftuħ tal-grazzji għal kulħadd ! "

Jingħad ukoll li meta San Pawl kien f'dawn l-inħawi hu xorob minn bir li kien hemm, fejn illum hemm il-knisja u wara li bierku biex jgħammed, l-ilma beda jfuħ. Għalhekk allura: Bir ma jfuħ jiġifieri bir ta' ilma jfuħ.



Biex il-leġġendi u l-istorja dwar Birmiftuħ ikomplu jintagħġnu flimkien nsemmu biss li fir-rapport dettaljat li Temi Zammit kiteb dwar il-katakombi ta' Ħal Resqun, hu kiteb hekk : *The rock-tomb in question was discovered accidentally in 1887 at ħal Resqun along the bridle-road to the N.E. of the old chapel known as San Pawl ta' Birmiftuħ situated between the villages of Gudja and Luqa*

U hekk niġu għal avveniment storiku li miegħu ntisġet leġġenda oħra li fil-ħsieb ta' missirijietna kellha xi ftit tax-xebh ma' dawk tal-millenju ta' qabel, jiġifieri ma' dawk marbuta mal-miġja ta' San Pawl. Mela din il-leġġenda tidħol mal-miġja tal-Konti Ruġġieru. Illum huma bosta dawk li jsostnu li taħt id-dominanza ta' l-Għarab il-Maltin tilfu dinhom, u allaħares tmerihom fuq din! Kemm dan mhux minnu jgħidulna s-sens komun u l-persistenza tad-devozzjonijiet Kristjani, għalkemm dawn kienu ġew miżmuma bil-moħbi minn bosta Maltin. Jekk l-Għarab għamlu minn kollox biex il-prattika tal-Kristjanezmu tiġi mrażżna u ssoffokata, bla dubju il-fjamma tal-fidi altru milli ntfiet, u wisq anqas rat ċaħda totali minn missirijietna l-Maltin. U f'dan l-isfond ta' l-istorja niġu għal-leġġenda li jmiss.

Il-Konti Ruġġieru kien ġie Malta fis-sena 1090 u filwaqt li ma ppersegwitax lill-Għarab, hu rega' ta l-ħelsien sħiħ lill-kult u 'l-prattika tal-Kristjaneżmu f'pajjiżna. Hemm bosta stejjer, tradizzjonijiet u leġġendi marbuta ma' din il-miġja storika ta' dan il-personaġġ marbuta anki ma' l-inħawi ta' Birmiftuħ. Kemm f'Malta kif ukoll fi Sqallija jingħad li hu bena kappelli f'lokalitajiet fejn kien hemm influwenza qawwija Għarbija, u fosthom jissemma Birmiftuħ. Jingħad li l-Konti Ruġġieru kien sema' bid-devozzjoni li l-Maltin kellhom għal dan il-post u ried li hu personalment iżuru wkoll. Mhux biss, iżda l-leġġenda tkompli tgħid li hu barra milli ried li tinbena knisja f'dan il-lok, ried ikun hu stess li jqiegħed l-ewwel ġebla tagħha wkoll. Għaldaqstant, dejjem skond din il-leġġenda, li kieku l-Konti Ruġġieru ma beniex kappella f'Birmiftuħ, kieku ma kienx ikun f'dan il-post li tinbet parroċċa bikrija li minnha kellhom joħorġu daqstant parroċċi oħra fix-xaqliba tal-madwar. Verament każ ta' 'Pluribus Parens' jiġifieri Omm ta' ħafna Wlied – Kirkop, Luqa, Mqabba, Safi u Tarxien. Esaġerazzjonijiet? Frott il-ħolm? Imma mhux dawn huma l-ingredjenti li jsawwru l-faxxinu tal-leġġendi ?

U dan mhux kollox. Birmiftuħ għandu marbuta miegħu waħda mill-isbaħ leġġendi ta' pajjizna u żgur li hija l-aktar waħda li tfuħ ! Din il-leġġenda teħodna lura fiż-żmien meta l-Afrika ta' Fuq kellha twemmin nisrani u jgħixu fiha kien hemm bosta eremiti jabitaw f'postijiet mill-iżjed remoti. Ġara li fis-sekli ħamsa u sitta, il-leġjuni Rumani bdew isibuha diffiċli jirreżistu l-attakki ħorox tal-berberi u jiddefendu aktar il-konfini ta' l-imperu ruman. Il-berberi kienu jeqirdu u jaħarqu kull ma kienu jsibu quddiemhom, kif ukoll kienu jimmassakraw lil kull min isibu fi triqathom. Warajhom ġiet mewġa Islamika li kompliet, tista' tgħid , tiknes dak li kien baqa' mill-Kristjaneżmu fl-Afrika ta' Fuq. Immaġinaw ftit kemm eremiti mietu quddiem dan l-għadu kiefer filwaqt li wħud irnexxielhom jaħarbu wkoll. Kif qed jiġri llum, minn dawk li qed jaħarbu mill-Afrika ta' Fuq lejn il-kontinent Ewropew u jsibu ruħhom f'pajjizna, hekk ukoll uħud minn dawn l-eremiti li semmejna spiċċaw f'pajjiżna milqugħin minn ġens Nisrani u qalbu tajba wkoll. F'pajjiżna sabu għerien 'l bogħod min-nies biex fihom komplew jgħixu l-ħajja kontemplattiva tagħhom. Jingħad li wieħed minnhom għazel li jgħix fl-inħawi ta' Birmiftuħ fejn hu magħruf li kien hemm ħafna għerien, aktarx mhux bogħod ħafna minn kappella li kien hemm digà fil-qrib.



**Birmiftuħ: Ġebel kbir fuq Ċisterna** (Ritratt minn Prof. A Bonanno)

Hawn wieħed irid imur lura fiż-żmien u jġib quddiem għajnejh veduta panoramika ta' dawn in-naħat fejn tinsab il-knisja ta' Birmiftuħ illum. Kien għadu jirrenja ambjent naturali u sabiħ għall-aħħar b'xi nixxiegħat jagħtu ħajja lill-ħdura tal-kampanja u 'l-widien tal-madwar.

Dan l-eremita kien imdorri jaħseb kif jista' jsib x'jiekol mingħajr ma jkollu l-ħtieġa li jfittex jakkwista x'jiekol mingħand in-nies. Min jaf kemm u kif fid-deżert li kien jgħix fih qabel irnexxilu jżomm ħaj fuq is-siġar, il-pjanti u l-fjuri li kienu jikbru f'dak l-ambjent niexef u salvaġġ! U hekk kompla jagħmel fil-post li beda jgħix fih u li llum insejħulu Birmiftuħ. Ħallat illum u ħawwad għada rnexxielu jipproduċi mill-fjuri li kienu jikbru fil-madwar, fwejjaħ jew essenzi ta' l-ogħna rwejjaħ u kwalità. Ir-riħa qawwija u sabiħa ta' dawn l-essenzi li kien jipproduċi dan l-eremit, ma naqsux li jattiraw l-attenzjoni ta' l-abitanti fl-akwati tal-madwar. Ta' eremit li kien, il-flus ma kinux jagħmlu bih u għalhekk beda jpartat il-fwejjaħ mal-ħtiġijiet l-aktar essenzjali għalih.

Il-fama tal-fwejjaħ u ta' l-essenzi tiegħu ma damitx ma xterdet mal-gżira kollha u għaldaqstant il-produzzjoni kellha tiżdied. Il-ħlewwa tar-riħa li bdiet tfewwaħ f'dawn l-inħawi kienet ir-raġuni li għaliha dawn l-akkwati bdew jissejħu ta' 'bir ilma tfuħ '. Kif jiġri maż-żmien, isem bi tlett kelmiet kien twil wisq biex wieħed ilissnu u dawn l-akwati għall-ewwel bdew jissejħu bħala ta' ' Bir ma tfuħ ' u aktar tard il-kelma tkompliet titkisser għal 'Birmaftuħ' sa ma spiċċat kif ngħiduha sal-lum 'Birmiftuħ '.

Dwar l-inħawi ta' Birmiftuħ jingħad ukoll li l-bir li hemm quddiem il-kappella jmur lura għal żmien ir-Rumani filwaqt li fil-passat kien hemm ukoll abbazija li fiha kienu jgħixu l-anakoreti, jew aħjar, patrijiet eremiti.

Għal dawk li f'dan li għedna jemmnu li hemm xi ftit tal-verità, ngħidulhom li jingħad ukoll li x'imkien fil-qrib tal-kappella ta' Birmiftuħ hemm midfuna l-ewwel sett ta' qniepen u t-tezori tal-knisja li kienu nħbew f'xi bir, oqbra jew moħba fl-inħawi tal-madwar biex ma jaqgħux f'idejn il-mislem fi żmien l-Assedju l-Kbir.

Kemm hemm verità f'dan kollu li għidna mhux importanti għalina. Il-faxxinu tal-leġġendi u t-tradizzjonijiet ta' missirijietna jkompli jkollu is-seher tiegħu u għajb għalina jekk ma napprezzawx u ma nikkonservawx dawn l-għidut li waslu għandna minn ġenerazzjoni għall-oħra kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba.

**Salvator Mousù**